**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland
Frott Iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 15/10 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 18/11/2010 fis-06.45pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| Camilleri Claude | Preżenti fis-7.25pm |
| Darmanin Richard | Preżenti fis-7.20pm |
| Fenech Stephanie | Preżenti sat-8.10pm |
| Hales Joseph | Assenti minħabba xogħol |
| Pace Darrell | Preżenti |
| Seychell Anthony | Preżenti |
| Wille Piscopo Elisabeth | Assenti minħabba safar |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistant Prinċipal Caroline Schembri

**15. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 15. 1. 1 | | Proponent: Seychell<br>Sekondant: Pace | **Il-Minuti 14/10 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |

Pace staqsa jekk is-sentenza li tniżżlet waqt l-approvazzjoni tal-minuti 13/10 fis-seduta tal-21 ta' Ottubru ħdejn 13.S.7, kinetx korrezzjoni jew nota. Ġie ikkjarifikat li dik is-sentenza kienet sempliċement nota li tirrifletti dak li hemm fil-minuti tal-laqgħa 14/10 li saret fil-21 ta' Ottubru rif 14.S.8.

14.S.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għalkemm il-kumpanja AIS Environmental Ltd. ingħatat id-dokumentazzjoni kollha tat-tender 03/10, s'issa l-Kunsill għadu ma rċeviex rapport.

Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk l-ittra tal-Clean Away Service qalitx li l-offerta ta' Bezzina kinetx sostenibbli minħabba kunsill ieħor. Hawnhekk is-Sindku reġa' għamel referenza għall-kliem tas-Sur Bugelli fejn qal li "deċiżjoni ta' Kunsill ma torbotx Kunsill ieħor".

Inqrat ittra mibgħuta lill-Kunsill minn Bezzina datata 08 ta' Novembru 2010 fejn informa lill-Kunsill li żona A kienet qed tinġabar bl-aħjar operat u jekk żona B tingħata lilu din kienet ser issir bl-istess proċess: b'żewġ trakkijiet u b'żewġ kolletturi fuq bażi ta' ġbir ta' skart bieb bieb. Il-Kunsill innota li il-kuntrattur Bezzina qed jagħmel użu minn open van biex jiġbor skart domestiku, liema van mhuwiex imniżżel fid-dokumenti tat-tender. Hawnhekk qamet diskussjoni dwar il-vetturi li qed jintużaw b'referenza għat-tender u b'kemm il-vettura għandu jinġabar l-iskart. Ġie ċċarat li t-tender ma tobbligax b'kemm il-vettura għandu jinġabar l-iskart iżda importanti li jintużaw il-vetturi kkwotati fit-tender. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-kuntratturi Bezzina dwar l-open van li qed jintuża.** Waqt din id-diskussjoni il-Kunsillier Darmanin ma kienx preżenti.

14.9.2 Wara l-kelma s-Sindku jiżdiedu l-kliem 'u l-Viċi-Sindku'.

15. 1. 2 **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**15. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 2. | 1 | 14.2.1 | Viċi-Sindku: Community Worker | Il-Viċi-Sindku għarrfet lill-Kunsill li l-community worker mhuwiex jiġi jagħmel ix-xogħol fil-komunita' impost fuqu mill-Qorti fil-ħinijiet stabbilit. Dwar dan diġa' ġiet infurmata l-probation officer. Bis-sistema li qed titħaddem bħalissa, dan ser ikun l-aħħar każ ta' community worker taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill hekk kif ġie deċiż fil-laqgħa li għaddiet. | Viċi-Sindku |
| 15. | 2. | 2 | 14.2.5 | Fenech: Skema FES | Fenech staqsiet x'talba saret lill-FES. Is-Segretarju spjega li saret talba għal persuna sabiex tagħmel xogħol fuq barra. | Fenech |
| 15. | 2. | 3 | 14.2.8 | Fenech: Tpenġija mal-ħajt tal-pump room | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-qisien ġew mgħoddija lill-MCast. | Fenech |
| 15. | 2. | 4 | 14.2.9 | Viċi-Sindku: Ħajt perikoluż mal-ġenb tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku irrimarkat li l-bouganvilla inżabret iżda ix-xogħol fuq il-ħajt għadu ma sarx. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol fuq il-ħajt isir mill-Kunsill a spejjeż tal-Knisja. Hawnhekk il-Viċi-Sindku irrimarkat dwar kummenti fuq facebook dwar lapida tar-Repubblika. Hija ħasset li kellha tirrispondi peresss li dawn il-kummenti m'għandhomx jinkitbu fuq facebook. Is-Sindku rrimarka li mafkar ta' din ix-xorta m'għandux ikun fuq kantun mitluq ma' l-art fuq bankina. Għalkemm dan ma sarx mill-Kunsill, 'l quddiem jista' jsir aħjar. | |
| 15. | 2. | 5 | 14.2.12 | Sindku: Laqgħa TM Smart City | Is-Sindku irraporta l-laqgħa li attenda għaliha ma' CEO tat-TM is-Sur Stanley Portelli dwar il-proġett Smart City. Iż-Żejtun ser ikun involut anke minħabba d-devjazzjoni li ser issir ħdejn il-mitħna u ser ikun ukoll effettwat mix-xogħol fi Triq Dejma. | Sindku |
| 15. | 2. | 6 | | | Waqt il-laqgħa ġie diskuss ukoll toroq li għadhom qatt ma saru fosthom Triq Filippu Falzon, Misraħ Strejnu, Triq Taghlim, parti minn Triq Dwiemes, parti minn Triq Fieres u parti minn Misraħ Karmenu Grima. Saret proposta sabiex ma' Sqaq Nru 1 Triq Strejnu isir ukoll Sqaq Nru 2 fejn hemm azjendi agrikoli importanti. Ser issir laqgħa mal-Perit Gordon Zammit f'dan ir-rigward. | Sindku |
| 15. | 2. | 7 | | Sindku: Biċċa art fi Sqaq Strejnu Nru 2 | Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar biċċa art pubblika li nxtrat mill-Perit Chris Cachia fi Sqaq Strejnu Nru 2 sabiex isir żvilupp sostenibbli. Dan wara li saret sejħa mid-Dipartiment ta' l-artijiet. L-offerta kienet ta' €18,000 iżda ingħatat għal € Intlaħaq ftehim bejn il-Perit Cachia u l-bdiewa sabiex il-ħajt jiġi irtirat b'metru minħabba l-blind corner filwaqt li mal-Kunsill intlaħaq qbil li jibni l-ġenb l-ieħor fuq żewġ filati mingħajr interessi. | Sindku Viċi-Sindku Darmanin |
| 15. | 2. | 8 | 14.2.13 | Viċi-Sindku: Attivita' Dog Trust | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret mixja bil-klieb mat-tfal ta' l-iskola primarja B b'konnessjoni ma' l-ambjent. L-istudenti ingħataw bookmark. | Viċi-Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 15. 2. 9 | 14.2.17 | Sindku: Reserved Parking f'Misraħ ir-Repubblika | Is-Sindku staqsa kif bqajna fuq ir-reserved parking ta' Misraħ ir-Repubblika. Is-Segretarjat wieġeb li ntbagħtet il-korrispondenza kollha lir-residenta konċernata. | Viċi-Sindku Darmanin |
| 15. 2. 10 | 14.2.18 | Fenech: Ħsarat fit-toilets ta' Ġnien San Girgor | Fenech staqsiet kif ser nibqgħu dwar l-atti vandali li qed isiru fi Ġnien San Girgor. Fenech semmiet ukoll il-problema tad-droga. Is-Sindku spjega li dwar dan il-Kunsill ġibed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet konċernati kemm -il darba u dawn qalu li qed jaħdmu fuqha. Il-Kunsill irċieva ittra sabiex issir laqgħa mad-Durg Squad. Fenech u Pace urew ix-xewqa li jattendu. Għaldaqstant ser issir laqgħa fl-aqsar żmien possibli. | Sindku Viċi-Sindku Darmanin Fenech Pace |
| 15. 2. 11 | 14.3.3 | Sindku: Awtorita' tad-Djar | Is-Sindku irraporta l-laqgħa li kellu flimkien mas-Segretarju, mas-CEO il-ġdid ta' l-Awtorita' tad-Djar. Dan qal li ser tinħareġ kompetizzjoni bejn il-Kunsilli Lokali kollha għal titjib fiż-żoni ta' l-appartamenti tal-Gvern b'allokazzjoni speċjali, fejn 25% trid tmur għall-edukazzjoni tan-nies filwaqt li 75% trid tmur għall-embellishment ta' Qasam tal-Gvern partikolari. **Hawnhekk il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni tiegħu għandha tkun għall-Qasam ta' Ħal Tmiem.** Il-Gvern għandu pjan .ta' ħidma sabiex l-oqsma tal-gvern ikunu f'kundizzjoni tajba biex iktar tard dawn jgħaddu f'idejn min jgħix fihom. Parti mill-kera ser tibda tmur għaż-żamma tal-flats sabiex b'hekk tibda tiġi infurzata l-liġi tal-kondominju. Iżda skond is-Sur Farrugia dan għadhom biss ħsibijiet. | Sindku Viċi-Sindku |
| 15. 2. 11 i | | | Il-Viċi-Sindku semmiet ukoll li fil-baġit li għadda sar aċċenn li l-komun ta' l-oqsma tal-bini tal-gvern ser jgħaddu lill-Kunsilli Lokali. Infatti diġa' bdiet tiġi avviċinata mill-inkwilini għall-manutenzjoni meħtieġġa. S'issa l-Kunsill Lokali għadu ma ġiex infurmat kif ser taħdem is-sistema u ma ngħataw l-ebda fondi f'dan ir-rigward. | |
| 15. 2. 12 | | Viċi-Sindku: Oqsma bini tal-Gvern | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill, kliem li qed jingħad fuq il-Kunsill min-naħa ta' residenti li joqgħodu f'oqsma tal-Gvern f'Ġebel San Martin. Il-Viċi-Sindku spjegat li x-xogħol kollu li sar f'Ġebel san Martin sar bl-approvazzjoni tal-Kunsill, inkluż il-bankina ħdejn il-kappella, iż-żriegħ ta' palm u dawl ġdid. | Sindku Viċi-Sindku |
| 15. 2. 13 | 14.3.6 | Fenech: Kors ta' l-astronomija | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-kors ta' l-astronomija beda illum. Dan ser ikun jikkonsisti f'ħames sezzjonijiet. Iż-Żwieten mhux ser iħallsu għal dan il-kors. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 2. | 14 | 14.9.1 | Viċi-Sindku: Meters ta' dawl u l-ilma fi Blokki tal-Gvern | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk intbagħtitx ittra lill-Awtorita' tad-Djar dwar il-meters tad-dawl u l-ilma u grada mitluba mir-residenti. Ir-risposta kienet fil-pożittiv iżda s'issa għadna ma rċevejniex risposta. | Segretarjat |
| 15. | 2. | 15 | 14.9.2 | Viċi-Sindku: Żjara mill-President ta' Malta fi Skola Primarja B | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill kienx mgħarraf uffiċjalment biż-żjara tal-President ta' Malta fi Skola Primarja B. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | |
| 15. | 2. | 16 | 14.9.7 | Fenech: Water Balloon Fight | Fenech infurmat lill-Kunsill li minħabba diffikultajiet, l-attivita' b'risq l-istrina ser tiġi posposta għad-19 ta' Diċembru fil-għodu. | Fenech |
| 15. | 2. | 17 | 14.9.10 | Fenech: Bankini fi Triq Lorenzo Gafa' | Fenech staqsiet meta ser isiru l-bankini fi Triq Lorenzo Gafa'. Is-Sindku qal li talbiet bħal din kienu saru mill-Kunsillier Darmanin u l-Viċi-Sindku iżda qabel ma tinħareġ sejħa għall-offerti għall-bini ta' bankini, ma jistgħux isiru. | Sindku |
| 15. | 2. | 18 | | Pace: Ikliet għall-iStaff tal-Milied | Pace informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Żejtun issemma fir-rapport ta' l-awdituri dwar l-ikla tal-Milied li saret għall-istaff. Dan peress li skond l-Awditur il-fondi pubbliċi ma jistgħux jintużaw għal dan il-għan. Iżda kontra dan, il-memo no 122/10 jgħid ċar u tond li l-Kunsill għandu permess jonfoq €50 ir-ras għal dan il-għan. F'dan ir-rigward, għall-Milied li ġej, diġa' saret talba lis-Sur Bugelli fejn ġie infurmat li ser isir riċeviment għall-volontarji kif ukoll ikla għall-istaff fl-ewwel xhur tas-sena id-dieħla. **Il-valur li ntefaq fl-2009 kien anqas minn dak stabbiliti fil-Memo. Il-Kunsill qabel li jibdel id-data tar-riċeviment tal-Milied għall-voluntiera għall-14 ta' Diċembru.** | Sindku |
| 15. | 2. | 19 | 14.9.12 | Seychell: Wirja Filatelika | Seychell irraporta l-ftuħ tal-wirja filatelika li ġiet inawgurata mis-Segretarju John Cardona u d-Djaknu R. Casha. Fiha ħadu sehem 10 eżebituri fosthom l-ex Ministru Wistin Abela. Tul il-ftuħ tal-wirka attendew 80 student mill-iskola Primarja B fejn dawn ingħataw 40 bolla kull wieħed mis-Sur Joe Briffa. Sfortunatement l-istudenti tal-Liceo Carlo Diacono ma attendewx minħabba pressjoni qawwija mentri kien hemm ġimgħa vaganzi. Kull eżibitur ingħata CD tal-wirja. | Seychell |
| 15. | 2. | 20 | 14.9.13 | Pace: Parkeġġ ta' 30 minuta fi Vjal 25 ta' Novembru | Pace irrimarka li suppost ikun hemm indikazzjoni li jrid isir użu mill-arloġġ. | Darmanin |
| 15. | 2. | 21 | 14.9.15 | Seychell: Kamra tal-korsijiet f'San Girgor | Seychell emfasizza l-importanza tal-kamra tal-korsijiet f'San Girgor għall-kompetizzjoni ta' l-inbid. | Sindku |

**15. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML15/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 3. | 1 | 02 | MEPA: PA0448/10 | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżamm il-karattru ta' l-inħawi peress li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core.** | Sindku |
| 15. | 3. | 2 | 03 | MEPA: PA04508/10 | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżamm il-karattru ta' l-inħawi peress li dan l-iżvilupp jinżamm f'żona tal-village core sensittiva ħafna.** | Sindku |
| 15. | 3. | 3 | 03 | MEPA: PA1769/10 | **Dwar din l-applikazzjoni l-Kunsill jaqbel li dan hu żvilupp sostenibbli li hu ta' vantaġġ għaż-żona ta' San Niklaw.** | Sindku |
| 15. | 3. | 4 | 04 | MEPA: PA04039/10 | **Il-Kunsill qabel nem.con li jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA dwar dan l-iżvilupp sabiex jinżamm il-karattru ta' l-inħawi u kif ukoll ikun żvilupp sostenibbli.** | Sindku |
| 15. | 3. | 5 | 12 | AKL: Ħlas għat-Tipping Fees | **Il-Kunsill qabel li għandu jimxi ma' l-istruzzjonijiet ta' l-AKL u għaldaqstant il-ħlasijiet tat-tipping fees ser jitħallsu skond l-allokazzjoni finanzjarja u jekk sar overpayment dawn ser jitnaqqsu mill-pagamenti futuri.** | Sindku |
| 15. | 3. | 6 | 13 | CSD: Bjar u Ġibjuni | Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mas-Sur Anthony David Brincat tas-CSD dwar is-suġġett imsemmi fl-ittra. | Hales |
| 15. | 3. | 7 | | | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser isir survey fiż-Żejtun mill-Professur Pirotta dwar Lokalitajiet Sostennibli f'ekonomija li nbidlet. Iż-Żwieten kienu jiddependu ħafna mit-Tarzna u s-Shipbuilding. Għaldaqstant f' dan is-survey ser jieħdu sehem madwar 800 familja fosthom familji li ġew milquta mill-għeluq tat-Tarzna u s-Shipbuilding. F'dan is-survery ser ikunu involuti żgħażagħ Żwieten li qegħdin l-Universita' jew l-MCast. | |
| 15. | 3. | 8 | | | Bħalissa qed isir studju mill-Eng Marco Cremona dwar l-istorm water catchment fiż-Żejtun li fih qed jilqa' ħafna ilma li jkun ġej minn lokalitajiet oħra. Il-Kunsill ġie infurmat li d-drenaġġ mhux ser jibqa' jmur Sant'Antnin iżda ser ikun hemm impjant ix-Xgħajra. Il-bdiewa jridu jibżgħu għall-ilma u ma jibqgħux jirrikorru fuq l-ilma tal-pjan. Ikun għaqli li parti titqabbad ma' l-impjant ta' Sant'Antnin peress li għad fadal ħafna raba' n-naħa ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas, Xrobb l-Għaġin u San Niklaw. | |
| 15. | 3. | 9 | | | Studju ieħor li qed jitħejja huwa dak dwar l-irziezet tal-baqar fiż-Żejtun minn Frank Fenech. | |
| 15. | 3. | 10 | | | Il-Kunsill innota wkoll li qed isiru bosta żviluppi fl-inħawi taż-Żejtun, fosthom dawk li qed isiru bħalissa: supermarket minn Alex Mercieca fi Triq Labour kif ukoll Mc Donalds fi Triq Tal Barrani. Dawn ikollhom impatt fiż-Żejtun minn diversi aspetti. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15. 3. 11 | 14 | Ronald Bezzina: Tender 03/10 | Ara qari u approvazzjoni tal-minuti. | |
| 15. 3. 12 | 17 | TM: Toroq li qatt ma ġew mibnija fil-lokalita' | Filwaqt li l-Kunsill ikkonferma t-toroq hekk kif imniżżel fl-ittra, żied ukoll Sqaq Strejnu 1 u 2, Triq it-Tagħlim k/m Misraħ Karmnu Grima. | Sindku |
| 15. 3. 13 | 18 | Perit Ruben Abela: Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun | Il-Kunsill innota l-ittra tal-Perit Abela dwar il-laqgħa ġenerali tal-Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun li ser issir nhar it-13 ta' Diċembru fil-għodu. **Il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-Perit sabiex ċertu ilmenti li jikkonċernaw lill-Kunsill, inutli jidhru fuq facebook iżda għandhom jgħaddu direttament lill-Kunsill.** | |
| 15. 3. 14 | 21 | Sterling Security: Inċident tat-traffiku fi Triq Daħla ta' San Tumas | Il-Kunsill ġie infurmat b'inċident tat-traffiku li seħħ fi Triq Daħla ta' San Tumas fejn karozza li kienet ipparkjata quddiem il-ħajt ta' Ġnien il-Kmandant spiċċat bi ħsarat estensivi fuq wara u quddiem tal-karozza. Dan ir-rapport diġa' għadda lill-insurance tal-Kunsill. Il-Perit Chris Cachia qed iħejji stima. | Segretarjat |
| 15. 3. 15 | 22 | Familja Mifsud: Ħsarat f'residenza fi Triq Dun Mikiel Cassar | **Il-Kunsill qabel li jgħaddi l-każ tal-familja Mifsud lid-Dipartiment tad-Drenaġġ dwar il-każ ta' ilma ta' drenaġġ li daħal fir-residenza meta għamlet dik ix-xita qawwija mill-main tad-drenaġġ li jinsab fit-triq.** | |

**15. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 15. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 15/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 15. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 15/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 15/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 15. 4. 2 i | 64 | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex is-Segretarjat jiċċekkja jekk jitstgħux jitneħħew email accounts ta' Kunsilliera li diġa' għandhom email account tagħhom. Dan sabiex jiġu evitati spejjeż għall-Kunsill. | | Segretarjat |
| 15. 4. 2 ii | 74 | Il-Kunsill iddiskuta l-kont tat-tipping fees ta' Ġunju preżentat lill-Kunsill mill-kuntrattur Ronald Bezzina. Is-Sindku ser iqajjem dan il-każ fil-laqgħa tal-kunsilliera fl-20 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li m'għandux iħallas għalissa. | | Sindku |
| 15. 4. 2 iii | 84-87 | Il-Kunsill ma approvax il-kontijiet tal-WasteServ hekk kif preżentati. Is-Segretarjat ser jara x'ħallas diġa' f'tipping fees, jara l-allokazzjoni finanzjarja u jekk sar over payment, dan għandhom jitnaqqsu mill-istess kontijiet. | | Segretarjat |
| 15. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 15/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 15. 4. 4 | | Petty Cash - Ottubru 2010 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' Ottubru 2010 hekk kif preżentata, li kien jammonta għal €108.87** | Segretarjat |

**15. 5. Quarterly Financial Accounts**

| Riferenza | Rif | Minghand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 15. 5. 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Jirraporta | Tqassmet kopja lill-kunsilliera tar-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena li jkopri Lulju - Settembru 2010. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega d-dħul u l-infiq li saru tul dan il-kwart tas-sena. Ġie innutat li l-Kunsill mexa mal-baġit u għalaq b'bilanċ pożittiv ta' €84.11 | Segretarjat |
| 15. 5. 2 | | Approvazzjoni | **Il-Kunsill approva nem.con ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena finanzjarja 2010 hekk kif preżentat. Għaldaqstant is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw ir-rapport.** | Segretarjat |

**15. 6.** **Child Day Care Centre**

| Riferenza | Rif | Minghand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 15. 6. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li bħalissa qegħdin fil-proċess li jinġabru l-compliance certificates sabiex jinġiebu l-meters tad-dawl u l-ilma fiċ-Child Day Care Centre.<br>Fil-każ taċ-Ċentru Arti u Artiġjanat twaħħal smart meter. | Sindku |

**15. 7.** **Misraħ Indipendenza**

| Riferenza | Rif | Minghand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 15. 7. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sur Frans Ebejer tal-MEPA ta lill-Kunsill l-intersection points għal Misraħ Indipendenza. Il-linji eżatti ser jingħataw hekk kif l-art li kienet inkwistjoni fl-istess Misraħ, tiġi liberata mill-inkwilin li hemm preżentement. | Sindku |

**15. 8.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Minghand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | |
|---|---|---|---|---|
| 15. 8. 1 | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Seychell | **Il-Kunsill approva nem.con il-mozzjoni ta' Camilleri sabiex jinxtraw ġugarelli sa massimu ta' €250 għall-kindergarten għal żmien il-Milied.** | Camilleri |

**15. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Minghand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 15. 9. 1 | | Viċi-Sindku: Greenpak | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser titqassam ir-raba distribuzzjoni tal-boroz il-ħodor. Din id-darba il-pakkett ser ikun fih 20 borza. | Viċi-Sindku |
| 15. 9. 2 | | Segretarju Eżekuttiv: Kartolina tal-Milied | **Il-Kunsill qabel li jibgħat kartolina tal-Milied u jintużaw cards li għad fadal mil-lot tas-sena l-oħra.** | Segretarjat |
| 15. 9. 3 | | Sindku: Customer Care | **Il-Kunsill qabel li għandu joħrog sejħa għall-offerti għall-għamara tal-customer care u l-uffiċċju tas-Sindku għax ser tintuża fl-uffiċċju reġjonali. Il-Kunsill qabel ukoll li issir sejħa għal vacancy ta' skrivan/a fuq bażi full time.** | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 9. | 4 | Sindku: Impjegati Muscat u Spiteri | **Il-Kunsill qabel li l-impjegati Joanne Muscat u Mark Spiteri jitilgħu minn Skala 13 għal skala 11 b'effett mill-1 ta' Jannar, 2011. Dwar dan diġa' ġie ikkuntattjat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jintalab il-kunsens tad-dipartiment u jidher li mhemmx problemi. L-impjegata Muscat ser tingħata responsabbilta' ta' head of customer care filwaqt li Spiteri ser jingħata xogħol konness ma' l-IT.** | Sindku |
| 15. | 9. | 5 | Sindku: Impjegat IPSL - Joseph Spagnol | **Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-impjegat ta' l-IPSL Joseph Spagnol ser joħroġ bil-pensjoni iżda wera x-xewqa li jkompli bil-ħidma tiegħu mal-Kunsill Lokali Żejtun. L-IPSL ma jistġġux jibqgħu iħaddmuh. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jibda jħaddem lill-Spagnol ħames sigħat kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa għal € 7.( fis-siegħa.** | Sindku |
| 15. | 9. | 6 | Sindku: Passaġġ fi Triq il-Kemmun Ħelu | **Il-Kunsill qabel li l-passaġġ fi Triq Kemmun Ħelu għandu jsir bil-madum mill-kuntrattur PSV.** | Sindku |
| 15. | 9. | 7 | Sindku: UIF Funds | **Is-Sindku staqsa kif bqajna fuq l-Urban Improvement Fund. Is-Segretarjat wieġeb li d-dokumententi ntbagħtu lis-Sur Malcolm Borg.** | Sindku |
| 15. | 9. | 8 | Sindku: TATA Compressed Air Car | **Il-Kunsill qabel li għandha issir talba lill-kumpanija TATA barra minn Malta sabiex il-Kunsill jingħata compressed air car, liema karozza tkun l-ewwel waħda ta' l-għamla tagħha f'Malta, għall-użu tal-Kunsill.** | Sindku |
| 15. | 9. | 9 | Viċi-Sindku: Weekend Break | Il-Viċi-Sindku irrapurtat il-weekend break għall-familja li sar dan ix-xahar. | Viċi-Sindku |
| 15. | 9. | 10 | Viċi-Sindku: Korsijiet tal-Crafts | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li bħalissa għaddejjin il-korsijiet tal-beading, parchment u bizzilla. Dan ta' l-aħħar qed isir fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. | Viċi-Sindku |
| 15. | 9. | 11 | Viċi-Sindku: Attivitajiet għall-Milied | **Il-Kunsill approva li s-sotto kumitat tal-familja jorganizza l-attivitajiet li ġejjin għall-festi tal-Milied: 08/12/2010 Gozo Tour fejn iżuru l-presepju ħaj f'Għajnsielem għal €15, 19/12/2010 Party għat-tfal, 27-28/12/2010 - Żjara lill-Anzjani f'San Vinċenz u d-Dar ta' l-Anzjani ġewwa ż-Żejtun, 30/12/2010 Film, 08/01/2011 Dinner Dance, Hike. Il-Viċi-Sindku infurmat ukoll li bejn il-11-13/02/2011 ser isir weekend break ġewwa d-Dolmen Hotel filwaqt li fit-8 ta' Marzu issir attivita' b'rabta ma' Jum il-Mara.** | Viċi-Sindku |
| 15. | 9. | 12 | Viċi-Sindku: Kids Club | **Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-kids club ser jerġa jibda jiltaqa fl-4 ta' Diċembru 2010.** | Viċi-Sindku |
| 15. | 9. | 13 | Camilleri: Sleeping Policeman | Camilleri talab sabiex issir sleeping policeman fi Triq Santa Marija. Is-Sindku spjega li din ser tiddaħħal mal-lista tax-xogħlijiet. | Sindku Darmanin |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 15. | 9. | 14 | Camilleri: Wirja Ġimgħa l-Kbira | Camilleri ressaq quddiem il-Kunsill talba a' resident Żejtuni li hu interessat jagħmel wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fiċ-Ċentru Arti u Ariġjanat. Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku sabiex tikkoordina mal-persuna interessata. | Viċi-Sindku |
| 15. | 9. | 15 | Camilleri: Talba għal tidwir ta' one ways fit-toroq ta' wara l-Knisja | Camilleri talab sabiex il-one ways li hemm preżentement fi Triq Beland u Triq San Piju X iduru. Dan minħabba traffiku li jinġemgħa Triq San Girgor. **Il-Kunsill qabel li prima facie jidher li b'hekk tinħoloq konfużjoni u jibda jinġemgħa traffiku f'dawn it-toroq.** | Darmanin |
| 15. | 9. | 16 | Seychell: Misraħ K. Grima | Seychell informa lill-Kunsill li hemm bżonn li l-knis f'Misraħ K. Grima jsir sew. Is-Sindku spjega li f'dan il-misraħ hemm problema li meta jkun ir-riħ jiġbor il-karti u t-trab f'rokna ta' dan il-misraħ iżda dejjem inkines. Seychell talab ukoll sabiex il-parking bays jerġgħu jinżebgħu. Is-Sindku spjega li għadna lista sħiħa ta' toroq li fihom iridu jsiru l-parking bay lines li tqajjmu f'laqgħat preċedenti u dawn ser isiru skond il-budget. | Hales<br>Darmanin |
| 15. | 9. | 17 | Seychell: Bini ta' filata oħra quddiem il-bust ta' l-għannej | Seychell talab sabiex tittella filata oħra quddiem il-bust ta' l-għannej fejn hemm -il 11 il-siġra taż-żebbuġ. Dan minħabba l-ilma tax-xita. Is-Sindku issuġerixxa li ssir kurduna fil-wiċċ. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |
| 15. | 9. | 18 | Seychell: Sprall miżdud | Seychell ġibed l-atttenzjoni tal-Kunsill dwar sprall miżdud fi Pjazza Girgor Bonici. | Sindku<br>Hales |
| 15. | 9. | 19 | Seychell: Tilari | **Il-Kunsill laqa' it-talba ta' Seychell sabiex jinbnew tilari ghall-wirjiet varji tal-Kunsill.** | Sindku |
| 15. | 9. | 20 | Seychell: Temi - Konkors Letterarju | Seychell għadda lill-Kunsill it-temi tal-konkors letterarju:- Rakkont b'tema soċjali, Żvilupp tal-futbol fiż-Żejtun, Fran tal-Ħobż Malti fiż-Żejtun, Opri Artistiċi fil-Knejjes Żwieten u Il-produzzjoni tal-Ħalib fiż-Żejtun. | Seychell |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 2 ta' Diċembru 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv